Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali





# Sindki u Presidenti Reġjonali

- Onorarja jew Salarju
- Terminu tas-Sindku / President Reġjonali
- L-Eżekuttiv u l-Amministrattiv
- Viċi Sindki u Kunsilliera
- Kariga tas-Sindku fuq bażi full-time
- L-Irwol tas-Sindku u tisħieħ tal-Amministrazzjoni
- Formazzjoni Eżekuttiva tal-Kummitat Reġjonali
- Tibdil fil-Konfini tar-Reġjun
- Ir-Reġjuni u l-Entitajiet Governattivi
- Segretarji Eżekuttivi

**Mario Fava**
**President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

**Laqgħa tas-Sindki u Viċi Sindki**

**24 ta' Marzu 2018**

# Sindki u Presidenti Reġjonali

***(Diskussjoni dwar kif għandhom jiġu eletti, l-irwol u għarfien tal-Kariga)***

Sa mit-twaqqif tal-Kunsill Lokali lura fis-sena 1993, bħal donnu kulħadd aċċetta' sitwazzjoni ta' *'staus quo'*, parikolarment fejn tidhol il-kariga tas-Sindku u viċi Sindku kif ukoll aktar tard dik tal-Presidenti tar-Reġjuni.

Sa minn ftit ta' snin ilu, konna bdejna nisimgħu kliem jekk il-kariga ta' Sindku għandhiex tkun meqjusa bhala *'full time'*. Kliem li bħal donnu baqa' fl-arja għaliex bħal speċi ħadd ma ried jieħu l-inzjattiva u jażżarda' jmiss suġġett daqstant delikat.

Donnu kulħadd kien komdu li jkun aktar jaqbel li nibqgħu konservattivi fuq il-materja u la ħadd mhu jgerger, allura nħallu kollox kif inhu.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, jidhrilha li dan huwa suġġett li jmur lil hinn mid-diskussjoni tal-kariga tas-Sindku. Materja li tolqot lil kull Kunsill Lokali, lil Viċi Sindki, Kunsilliera u fuq kollox lir-residenti rispettivi f' kull lokalita'.

Kien għalhekk li bħala Assoċjazzjoni rkibna fuq il-wegħda elettorali tal-Gvern tal-ġurnata u ħadna l-opportunita' li la darba din hija wegħda fil-manifest elettorali tal-Gvern, għandu jkollna sehem mhux biss li naraw li din id-diskussjoni ssir imma li nkunu fiċ-ċentru tagħha, flimkien magħkom il-Kunsilliera.

Kien għalhekk li qed jitħejja dan il-qafas ta' dokument li l-ghan tieghu m' huwiex li jigi mplimentat dak li se nipproponu imma li jinstiga' diskussjoni saghna. Tant hu hekk, illi aktar milli proposti, dan id-dokument ser ikun qed jitfa' wkoll domandi li wiehed ghandu jixtarr qabel il-laqgha is-Sindki u viċi Sindki li ser issir fl-24 ta' Marzu li gej, sabiex f' din il-fora niddiskutu flimkien it-triq 'il quddiem.

Għaldaqstant, l-għan ewlieni ta' dan id-dokument m' huwiex li b' xi mod napprovaw jew ninponu xi deċiżjoni jew oħra imma li jwassal għal diskussjoni li għandha twassal għal proposti konkreti u li jistgħu jiġu implimentati.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

- Onorarja jew Salarju

L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali temmen illi la darba l-Onorarja tas-Sindki, preżentament hija bbażata fuq dik tad-Deputati Parlamentari, din id-diskussjoni għandha ssir ukoll f' dan il-qafas. Dan ifisser, illi ma nistgħux niddiskutu l-pożizzjoni tas-Sindku, Viċi Sindku u l-President Reġjonali b' mod iżolat bla ma jkun hemm diskussjoni wkoll fuq jekk il-Membri Parlamentari għandhomx ukoll jibdew jiġu kkunsidrati bħala *'full timers'.*

Dan għal diversi raġunijiet fosthom u mhux biss, sabiex wieħed jasal għal kemm għandu jkun il-ħlas ta' Sindku jew President Regjonali *'full time'*. Din għandha tiġi stabbilita' biss wara diskussjoni mal-Kap taċ-Ċivil, l-Uffiċċju tal-iSpeaker tal-kamra tar-rappreżentati, il-Ministeru għall-Ġustizja, Kultura u Gvern Lokali, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Dwar dan għadna nistabbilixxu perjodu ta' żmien li fih għandhom jibdew u jintemmu d-diskussjonijiet.

- Terminu tas-Sindku / President Regjonali

Wieħed irid jikkonsidra bis-serjeta' illi persuna ma tistax tokkupa' l-kariga ta' Sindku jew President Reġjonali għal iktar minn żewġ leġislaturi konsekuttivi (10 snin).

- L-Eżekuttiv u l-Amministrattiv

B' rabta ma' dak li għandi kemm għidt, hawn wieħed irid jiddiskuti bilfors il-pożizzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Dan fid-dawl li irid jiġi stabbilit hux se jkollok Sindki li jitħallsu inqas jew iktar minn Segretarju Eżekuttiv. Jekk se mmorru fuq il-*'pattern'* tal-Parlament, hawn joħroġ biċ-ċar li l-persuna eletta għandha dħul ikbar. Irridu naraw jekk wieħed hux se jimxi mall-istess prassi.

- Il-Viċi Sindki u Kunsilliera

Fl-opinjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, irrispettivament jekk hux se mmorru għal kariga *'full time'* tas-Sindki, għandu jkun hemm għarfien ikbar għax-xogħol tal-Viċi Sindki u Kunsilliera. Tajjeb wieħed jgħid illi l-liġi ma taħsibx għal eventwalita' fejn il-Viċi Sindku jkollu jaqdi d-doveri tas-Sindku meta dan ikun indispost. Mhux l-istess fil-kariga ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv. Hawn il-ligi tagħti lok illi f' dak il-perjodu li l-ASE ikun qed jaqgħdi l-funzjoni tas-SE, ir-rinumerazzjoni tiegħu tigi aggustata skond il-bżonn.

Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali

Għaldaqstant, ma' din id-diskussjoni irridu naraw illi l-Viċi Sindku jiġi rikonoxxut ukoll bl-istess mod.

Mhux biss, imma irrispettivament mill-kariga tas-Sindku, il-Kunsilliera għandhom jingħataw rikonoxximent ikbar, fl-ewwel post billi tiġi aġġustata r-rata tat-taxxa fuq id-dħul li jkollhom, irrispettivament mid-dħul ewlieni tagħhom. Dan għaliex irrid infakkar li dawn l-€1,200 li jingħataw fis-sena, anki bil-liġi, qed jingħataw biex jiġu koperti l-ispejjeż li huma jagħmlu. Hija nġustizja li wieħed jiġi mitlub iħallas it-taxxa ta' '*part timer'* meta l-ħlas li qed jieħu ma jirriflettix dan. Saħħa qed jitħallas sitt xhur b' lura! Qed ngħid dan anki fid-dawl li kunsillier jista' jitlob lura dik it-taxxa mħallsa fuq dan id-dħul, fl-aħħar tas-sena. Din hija sistema burokratika li qed twassal biex il-parti l-kbira tal-Kunsilliera, ma jagħmluhiex.

Barra dan, għandu jiġi kkunsidrat ammont aktar diċenti għall-Kunsilliera jekk ma rridux nispiċċaw f' sitwazzjoni li jkollna nħassru elezzjonijiet lokali għax ma jkollniex biżżejjed kandidati f' ċertu lokalitajiet. Għal dan il-għan qed jiġi suġġerit li din l-allowance titla' b' 25% fis-sena għal 4 snin sakemm tigi €2,400 fis-sena u l-Kunsillier jitħallas kull xahar.

Qed jiġi propost ukoll illi l-Kunsilliera jinagħtaw sa massimu ta' 40 siegħa fis-sena leave sabiex ikunu jistgħu jattendu laqgħat relatati mall-Kunsill Lokali tagħhom jew laqgħat oħra msejjħa mid-dipartiment Gvern Lokali. Din is-sistema titħaddem diġa (20/20) fil-qasam sportiv. Nifhem li kien hemm xi abbużi f' dan ir-rigwad imma għandhom jiġu stabbiliti kriterji ċari biex dan jiġi eliminat.

## • Formula Addottata għal Kariga ta' Full Time

Din hija deċizjoni kruċjali u torbot mall-ewwel punt li semmejt.

- ✓ Ser immorru għal sistema ta' *'one size fits all'*?
- ✓ Ser immorru għal sistema voldieri li kull lokal irid ikollu sindku *'full time'* bilfors?
- ✓ Ser immorru għal sistema li tkun għażla tal-persuna li tkun ġiet eletta bħala Sindku? Jew se mmorru għal għaża ngħidu aħna li lokal ikollu Sindku *'full time'* skont in-numru ta' Kunsilliera?
- ✓ Fid-dawl ta' dawn id-domandi, x' se tkun il-pożizzjoni tad-Deputati Parlamentari?

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

Biex inpoġġikom fl-istampa, jekk ngħidu aħna se mmorru għal Sindki *'full time'* f' lokalitajiet li għandhom ngħidu aħna minn 9 kunsilliera 'il fuq, ifisser li l-lokalitajiet li qed nitkellmu dwarhom huma;

**13 il-Kunsillieri (3):**
Birkirkara, Il-Mosta, San Pawl il-Baħar

**11 il-Kunsillieri (3):**
Ħal Qormi, Ħaż-Żabbar, Tas-Sliema

**9 Kunsillieri (12):**
Ħaż-Żebbuġ, Iż-Żejtun, Ħ'Attard, Il-Fgura, Marsaskala, Il-Mellieħa, L-Imsida, In-Naxxar, Ir-Rabat M, San Ġiljan, San Ġwann, Is-Swieqi, Iż-Żurrieq.

Jekk ser immorru għal l-għażla, fejn qed ngħidu li r-rappreżentanza politika f'Kunsill Lokali, għandha tkun bħala rwol prinċipali tas-Sindku;

- ✓ Qed nillimitawha għal 18-il Kunsill Lokali biss minn 68?
- ✓ Qed ngħidu li fil-Gżira t' Għawdex m'għandu jkun hemm l-ebda Sindku *'full time'* pereżempju?

Fl-eventwalita' li l-kariga ta' *full timer* tkun mandatorja;

- ✓ Ser inħallsu lis-Sindki kollha ndaqs jew se nħallsuhom fuq l-ammont ta' residenti li għandhom?
- ✓ F' dan il-każ, lokalitajiet li f' ċerti staġuni jew inkella mall-ġurnata, il-popolazzjoni tagħhom tirdopja jew iżjed, se nimxu magħhom b' dan il-mod?

X'inhuma s-sitwazzjonijiet fejn:

- ✓ Għandek sitwazzjonijiet fejn jista' jagħti l-każ li lokal b'ħames kunsilliera jkollok Sindku li jagħmel siegħat il-Kunsill aktar minn Sindku f' lokal b' 9 jew 11-il Kunsillier.
- ✓ Minn naħa l-oħra, jekk se nħalluha miftuħa għad-deċiżjoni tal-persuna eletta, ifisser li se jkollna Sindku *'full time'* f' lokal bi 800 resident imma lokal bi 12,000 resident is-Sindku jiddeċiedi li jkun fuq bażi ta' *part-time*?
- ✓ Fid-dawl ta' dan kollu, għadna mmorru għal Sindki *'full time'* jew forsi għandna nikkonsidraw il-possibilita' illi tiżdied l-onorarja. Din għandha tkun marbuta mal-preżenza fil-Kunsill Lokali?

Ma rridx inkun diffiċli imma la ser issir riforma ejja naħsbu f' kull evantwalita'.

- Ir-Rwol tas-Sindku u t-tisħieħ tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill

Nemmnu ukoll li l-ewwel irid jiġi stabbilit u jkun ċar xi rwol għandu jkollu s-Sindku kif ukoll kif tista' tissaħħaħ l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali.

- ✓ Kunsill li jrid jaħdem u jmur oltre' mid-doveri imposti fuqu mill-ligi, għandu jkollu 'mano libera' li jimpjega ħaddiema addizzjonali ma' dak li tippermettilu l-ligi? Naturalment, dan f' qafas fejn il-Kunsill Lokali jkollu l-fondi meħtiega u tmexxija Amministrattiva bil-għaqal.
- ✓ Għadna naraw li kull individwu fil-Kunsill iġorr ir-responsabbilta' li d-doveri tiegħu jixtħu fuq spalltu?
- ✓ Wieħed jifhem li s-Sindku m'għandux jidħol fix-xogħol Amministrattiv tal-Kunsill imma meta jara' li x-xoghol mhux isir, sa fejn għandu jasal?

Dawn ukoll ghandhom ikunu punti kruċjali li jridu jiġu analizzati bir-reqqa f' din ir-riforma.

Fejn jidħlu Kunsilliera, għandu jiġi kunsidrat jekk in-numru ta' Kunsillieri hux eċċessiv li jista' jfixkel ix-xogħol tal-Kunsill u allura dan in-numru ma jibqax marbut mal-popolazzjoni iżda jkun hemm numru definit li jnaqqas l-ammont ta' Kunsillieri?

Għalhekk, anki hawn, għandu jiġi kunsidrat jekk in-numru ta' impjegati li jaħdmu fil-Kunsilli Lokali ma jibqax marbut mal-popolazzjoni iżda jiġu impjegati ħaddiema skond in-neċessita sabiex b'hekk tissaħħaħ l-amministrazzjoni u s-Sindku ma jkollux għalfejn jidħol fuq xogħol amministrattiv. Dan irid isir b'mod kostruttiv u għandha tinstab soluzzjoni skond il-ħtieġa ta' dak il-Kunsill partikulari u mhux għal kulħadd l-istess.

- Presidenti Reġjonali

### (i) Formazzjoni Eżekuttiva tal-Kumitat Reġjonali

Wasal iż-żmien li wieħed jistudja bis-serjetà l-kompożizzjoni Eżekuttiva tal-Kumitati Reġjonali. Wieħed għandu jistaqsi jekk il-President Reġjonali għandux ikun *full-timer*. Jekk għandhiex issir elezzjoni separata għalih mir-residenti tal-lokalitajiet li jiffurmaw dak ir-reġjun. Jekk il-President Reġjonali għandux ikun Kunsillier jew saħansitra Sindku ta' wieħed mill-Lokalitajiet tiegħu.

- ✓ X' inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' ħaġa bħal din?
- ✓ F' dan il-każ, l-elezzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali għandha tibqa ssir bl-istess format?

F' din l-eventwalita, wieħed irid iżomm f' moħħu li l-mandat tal-Presidenti tar-Reġjuni ma jintemmx ma' dawk tas-Sindki u allura wieħed ikun irid jara' li jiġi mtawwal il-mandat tal-Assoċjazzjoni biex l-elezzjoni tibda ssir ma' dawk tal-Kunsilli Lokali.

Possibiltajiet ta' kif jista' jiġi magħtur il-President Reġjonali:

- ✓ Il-ħatriet għall-Presidenti Reġjonali jsiru billi jkun hemm elezzjonijiet f'kull Reġjun u r-residenti kollha ta' dak ir-Reġjun jivvutaw. B'hekk tingħata is-saħħa lin-nies (*power to the people*).

- ✓ Tiġi magħżula persuna waħda minn kull Partit għal kull Reġjun biex joħroġ għall-elezzjoni għall-President Reġjonali u n-nies jivvutaw għal wieħed mit-tnejn. B'hekk tkun qed tgħati piż ta' responsabbiltà lill-Partiti li jagħżlu persuni validi li jirrappreżentawhom għax iridu jikkonvinċu lin-nies biex jivvutawlhom.

- ✓ Il-President Reġjonali għandu jkun persuna separata u distinta mill-Kunsilli Lokali u jekk kif jirbaħ l-elezzjoni ta' President Reġjonali jinzerta li l-persuna tkun Sindku jew Kunsillier, irid jirreżenja minn din il-kariga sabiex ikun jista' jsir President Reġjonali. B'hekk jispiċċaw il-konflitti ta' interessi. Għalhekk għandha tissaħħah l-istruttura Reġjonali billi ma jkollux l-ebda rabta ma' l-ebda Kunsill Lokali.

- ✓ L-elezzjoni ssir permezz ta' online voting. In-nies jivvutaw għal persuna waħda biss, l-online voting taf tkun possibilità sabiex tiffaċilita l-proċess tal-elezzjoni.

Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali

**(ii) Tibdil fil-konfini tar-Reġjuni**

Skond l-emendi li saru fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali u permezz tal-Att Numru XVI tal-2009, ġew stabbilliti 5 Reġjuni;

- ✓ **Reġjun Għawdex** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tar-Rabat, Fontana, Għajnsielem, l-Għarb, l-Għasri, Ta' Kerċem, il-Munxar, in-Nadur, il-Qala, San Lawrenz, Ta' Sannat, ix-Xagħra, ix-Xewkija u z-Zebbug (14-il Kunsill)
- ✓ **Regjun Tramuntana** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tal-Imdina, Ħad-Dingli, Ħal Għargħur, il-Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, Pembroke, ir-Rabat, San Pawl il-Baħar, is-Swieqi u l-Imtarfa (12-il Kunsill)
- ✓ **Reġjun Ċentrali** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali ta' Ħ'Attard, Ħal Balzan, Birkirkara, il-Gżira, l-Iklin, Ħal-Lija, l-Imsida, il-Pietà, San Ġiljan, San Ġwann, Santa Venera, Tas-Sliema u Ta' Xbiex (13-il Kunsill)
- ✓ **Reġjun Xlokk** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali tal-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla, Bormla, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, il-Fgura, Floriana, il-Kalkara, il-Marsa, Marsaskala, Marsaxlokk, Paola, Ħal Tarxien u x-Xgħajra (15-il Kunsill)
- ✓ **Reġjun Nofsinhar** li jinkorpora fih il-Kunsilli Lokali ta' Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, is-Siġġiewi, Birżebbuġa, il-Gudja, Ħal Għaxaq, il-Ħamrun, Ħal Kirkop, Ħal-Luqa, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, Santa Luċija, u z-Żurrieq (14-il Kunsill).

Wieħed jinnota kif ċertu reġjuni ma jagħmlux sens ġeografiku fil-mod ta' kif inhuma kostitwiti bħala lokalitajiet. Wieħed ma jifhimx kif lokal bħas-Swieqi jifforma parti mir-Reġjun ta' Tramuntana meta jmiss ma' San Ġiljan, San Ġwann, tas-Sliema u l-Gżira u dawn il-lokalitajiet kollha jiffurmaw parti mir-Reġjun Ċentru. L-istess wieħed jista' jgħid għal-lokalita' ta' Pembroke. Kif ukoll il-Floriana li mhix parti mir-Reġjun Ċentru u imma tagħmel parti mir-Reġjun Xlokk. Dan jaffettwa anki jekk se nibdew nitkellmu fuq kuntratti reġjonali.

Il-konfini tar-Reġjuni għandhom jinbidlu u jiġu mqassma differenti sabiex jirriflettu verament il-pożizzjoni ġeografika tagħhom.

Għadha tiġi xprunata l-ideja li jiżdied Reġjun ieħor sabiex tabilħaqq il-Kunsilli Lokali jkunu mqassma b'mod ekwu u xieraq li dan ikun jirrifletti il-bżonnijiet tal-lokalitajiet.

### (iii) Reġjuni bl-istess lokalitajiet bhad-Distretti t'entitajiet Governattivi

F' pajjiżna, kull entita' jew Dipartiment Governattiv għandu r-reġjuni jew distretti tiegħu. Biex nagħti eżempju; iċ-Ċentru tas-Saħħa, il-Pulizija, il-Korporazzjoni tax-Xogħol, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll l-Enemalta.

Ladarba ser nibdew nesploraw responsabiltajiet ġodda biex jgħaddu għand ir-reġjuni u possibbilment ħruġ ta' kuntratti fuq bażi reġjonali, ikun jagħmel sens li jsir studju sabiex il-konfini ta' kull entita', possibbilment ikunu jixbħu lil dawk tar-Reġjuni. Dan jgħin lil kull min hu involut meta jiġi biex jiddiskuti xi devoluzzjoni, kemm ta' servizz ġdid kif ukoll materji oħra.

Kull taqsima li taqa' ġo entita' governattiva għandha tkun mqassma b'mod ċar u uniformi taħt liema Reġjun qed tirrappreżenta. Dan għandu jsir sabiex jiġi faċilitat il-koordinament bejn l-entitajiet kollha u ċ-ċittadin ikun jista' jinqeda b'aktar effiċjenza.

### (iv) Għarfien tal-Kumitati Regjonali

Ninnutaw illi kull darba li tkun ser issir xi devoluzzjoni ta' servizz jew ieħor, entitajiet fost l-oħrajn bħall-Pulizija u entitajiet oħrajn msemmija aktar 'l fuq, m'għandhomx għarfien tal-Kumitati Reġjonali u għaldaqstant ma ssir l-ebda konsultazzjoni mar-Reġjuni meta jkunu jridu jieħdu xi inizjattiva jew oħra. Il-Kumitat Reġjonali għandu jingħata għarfien aħjar mill-Gvern Ċentrali fl-ispettru wiesa kollu tal-ħidma tal-Gvern.

Ir-Reġjun ikun l-għola awtorità ta' Gvern Lokali li tiġi aċċettata u rispettata minn kulħadd inkluż mid-Dipartimenti u l-entitajiet kollha governattivi. Din għandha tidħol b'liġi sabiex tkun b'saħħitha. Jiġi revedut il-protokol tas-Sindki u Presidenti Reġjonali. Dan il-protokol għandu jiġi inkluż fil-liġi ħalli jkollu saħħa legali.

### (v) Is-Segretarji Eżekuttiv

Minkejja li s-suġġett huwa s-Sindki u l-Presidenti tar-Reġjuni, nemmnu li b' mod immedjat, il-pass li jmiss hu illi niddiskutu l-materja ta' kif is-Segretarji Eżekuttivi għandhom jinħatru u jekk is-sistema għandiex tinbidel minn kif inhi llum, iġifieri li jinħatru minn *pool*. Dan sabiex inkunu dorna l-aspetti kollha li jmissu b' mod dirett u indirett mal-Amministrattiv u l-Eżekuttiv tal-Kunsilli Lokali. Dan iwassal għal riforma ħolistika u meta tibda tiffunzjona tkun waħda iżjed effettiva u effiċjenti.

Fl-istess diskussjoni wieħed irid ukoll jitkellem fl-ambitu tal-wegħdiet elettorali li saru f' dan il-qasam. Nemmen li għandha tkun diskussjoni fejn il-partijiet kollha jkunu oġġettivi u realistiċi fejn l-interess ewlieni jkun it-tisħieħ tal-Kunsilli Lokali.

- Konkluzjoni

Nikkonkludi danws ir-rapport billi nagħmel referenza għall-introduzzjoni, fejn minkejja li fid-dokument qed isiru proposti ċari li nemmnu li għandhom jidhlu fis-seħħ, madanakollu l-intenzjoni hija waħda li nagħtu bidu għal diskussjoni li twassal għall-konkluzjonijiet.

Irridu b' responsabbilita' niddiksutu b' mod miftuħ u b' mod ġenerali bla ma nitkellmu fuq espoerjenzi jew interessi personali. Din trid tkun riforma Nazzjonali u mhux ghall-lokal wieħed jew tnejn.

**Mario Fava**

**President Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**